50/1458/18
89.18

Mozzjoni: ***It-tħaddim mill-ġdid tal-lift fiċ-Ċentru Ċiviku tar-Rabat*** 0009/18

Fid-dawl tal-iskumdita' li qed ikollu jaffaċċja l-poplu Rabti biex jaċċessa il-faċilitajiet eżistenti fiċ-Ċentru Ċiviku tar-Rabat, bħall-librerija pubblika kif ukoll is-Sede tar-Rabat Football Club, wasal iż-żmien illi jibda' jopera mill-ġdid il-*lift* eżistenti li kien twaħħal mill-Kunsill Lokali tar-Rabat diversi snin ilu.

Fid-dinja tal-llum l-aċċessibilita' speċjalment għal persuni bi bżonnijiet speċjali jew inkella għall-ommijiet li jkunu jridu jieħdu wliedhom fil-*pushchai*r lejn il-librerija, ma jagħmilx sens li dan il-*lift* jibqa' inoperabbli. Dan hu wieħed mill-għanijiet tat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali – l-aċċessibilita' lejn iċ-ċittadin u hu għaldaqstant dover tagħna lkoll illi noffru aċċess għal faċilitajiet eżistenti propju fiċ-ċentru tar-Rabat.

Nazju Cassar
1 ta' Diċembru 2018

As-Sur C. Azzopardi
Sindku

Ipprezentata llum 4/12/18